Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Numru 285/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp. Dominic Micallef)**
**(Sp. Simon Galea)**

**vs**

**Mark Calleja ta' 26 sena,**
**mwieled H'Attard, fil-11/10/1972, iben**
**Carmel u Carmen nee Farrugia li joqghod**
**Ilene Flats, Door 1A, Balzan Valley, Balzan,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**bin-numru 500872 (M)**

**Jason Scerri ta' 25 sena mwieled tal-Pieta',**
**fil-5.3/1974 iben Joseph u Jane nee Farrugia,**
**li joqghod Casa Scerri, Triq il-Papa Piju XII,**
**B'Kara, detentur tal-karta ta' l-identita'**
**bin-numru 167774(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Mark Calleja u Jason Scerri li gew akkuzati talli fil-11 ta' April, 1999 fl-inhawi ta' Hal-Balzan ghall-habta ta' 4.00 p.m. ikkommettew serq ta' stereo tal-ghamla Pioneer minn gol-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAO-121 tal-ghamla Opel ghad-detriment ta' Micallef Josef detentur tal-karta ta' l-identita' 138575 (M), liema serq huwa aggravat bil-valur, li ma jeccedix Lm 1,000 bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa.

Jason Scerri wahdu akkuzat talli:

(a) fl-istess data, hin u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom,
(b) talli kiser il-provediment tal-artikolu 28 tal-Kap 9 ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' 27/2/1998 li biha gie kkundannat ghal sena prigunerija sospizi ghal erba' snin, kif ukoll talli kiser l-istess provediment tal-ligi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-14/4/1998 ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett snin liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.
(c) Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra

Mark Calleja akkuzat talli:

(a) talli wara li f'Malta gie kkundannat ghal serq, jew ghal ricettazzjoni nstab fil-pussess ta' ghodda tajba ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi
(b) talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15/4/1998 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra. Kif ukoll sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-21/5/1997

liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni ghal tali proceduri.

Ikkonsidrat

Illi dan il-kaz gie katalizzat meta Mark Calleja inqabad minn Josef Micallef hiereg minn gol-karozza tieghu. Xehed li meta Calleja rah sejjer lejn il-karozza bedu jghidlu ‘m’ghandi xejn, m’ghandi xejn’. Qal Micallef li l-bieba tal-istess vettura kienet miftuha ghax Calleja kien ghadu kif hareg mill-karozza. Micallef innota li l-istereo tieghu kien nieqes minn gol-vettura. Calleja f’idu kellu turnavit li hu pogga fil-but u li skond dan ix-xhud kellu l-parti ta’ fuq mghawweg. Qal ukoll Micallef li mal-bieba tal-karozza tieghu kien hemm ukoll brix. Gharaf bhala tieghu l-istereo esebit, qal li kien ilu xahar biss li xtrah. Esebixxa rcevuta Dok JM li turi li l-istereo mudell TSR 1390 inxtara ghal prezz ta’ Lm 95. Qal dan ix-xhud li hu kien qed jaghraf l-istereo ghax kien bhall-mudell li kellu fil-karozza. Mid-dokument esebit bhala KG gie stabbilit ukoll is-serial number ta’ l-istereo mixtri minn Micallef u lilu misruq.

Illi Karl Galea xehed li Micallef kien xtara l-istereo misruq minghandu. Ra l-ircevuta, anzi l-invoice, u qabel ma’ dak sufferit mill-avukat difensur li fuqha ma kienx jidher is-serial number, qal pero’ li hu kien irrediga d-dokument KG cioe fejn jidher is-serial number tal-istereo misruq ghax kien hadlu l-kaxxa ta’ l-istess stereo Micallef fuq liema kaxxa kien hemm is-serial number u hekk irrediga d-dokument imsemmi. Dan ghalhekk kien ifisser li mal-bejgh ma kienx hemm records tas-serial number ta’ l-istereo mibjugh ghax dan ikun biss fuq il-kaxxa li fiha jkun ippakkjat l-istess oggett kif mibjugh.

PC 1064 Raymond Borg xehed li hu kien osserva koppja targumenta ma’ persuna, din il-koppja kienet Micallef u l-girlfriend tieghu Veronica Culson. Ra persuna ohra ddur maghhom kemm-il darba. Qal li l-persuna li kienet hdejn il-koppja kellha turnavit fil-but, din kienet Mark Calleja. Wara li ssejhet l-ghajnuna acceda fuq il-post PS Hearsey u waqqaf u qabad lil persuna l-ohra li kienet qed iddur fl-akkwati li kienet Jason Scerri.

PS Hearsey xehed li hu kien acceda hdejn il-Corinthia gewwa H’Attard wara li kien irceva call ghall-assistenza. Gharaf lil Mark Calleja bhala l-persuna gia mizmuma, qal li mill-but tal-qalziet ta’ l-istess hu eleva turnavit. Qal li tkompliet it-tfittxija ghat-tieni persuna u gewwa San Anton gie mwaqqaf Jason Scerri li gol-gakketta maqfula kellu stereo tat-tip Pioneer u l-face tieghu. Dan huwa l-istess stereo li Micallef identifika bhala tieghu.

Ikkonsidrat

Illi d-Difiza ghamelt enfazi fuq il-mod kif Micallef identifika l-istereo tieghu. Huwa l-ewwel esebixxa ricevuta mbaghad mar bil-kaxxa ta’ l-istess stereo ghand Galea u dan irrilaxxa statement li kien inbiegh dak l-istereo b’dak is-serial number lil Micallef. Jigi premess ukoll Micallef gharaf l-istess stereo bhala tieghu f’Awla. Huwa fatt ukoll pero’ li ghajr ghas-serial number tieghu, jekk dan l-istereo ma jsirux fuqu xi marka partikolari u individwali li tidentifikah u tiddistingwih minn stereo tal-istess marka u serje tieghu, jibqa’ bhal kwalunkwe stereo iehor tat-tip tieghu u ghalhekk difficilment identifikabbli. Dan l-argument huwa fih innifsu intiz biex iqajjem dubju dwar l-identita’ tal-istereo esebit. Min-naha tieghu Micallef biex isahhah it-tezi tieghu li l-istereo esebit kien fil-fatt dak misruq mill-vettura tieghu, gieghel li ssir id-dokument esebit bhala dok KG. Issaqsi din il-Qorti ghaliex ghandha hi tiddubita li dik il-kaxxa minn fejn ingab is-serial number mhix il-kaxxa li fiha kien l-istereo mixtri minn Micallef. Kif allura spicca dan l-istess stereo f’idejn, anzi gol-gakketta ta’ Jason Scerri, nieqes mill-vettura ta’ Micallef li per parentesi fiha nstab Mark Calleja b’turnavit fuqu. Dawn il-kumbinazzjonijiet ma jhallu ebda dubju f’mohh il-Qorti la

tal-provenjenza tal-istereo u anqas ta’ l-involviment ta’ l-akkuzati.

Rat ukoll il-verbal ta’ l-avukati difensuri fejn il-Prosekuzzjoni giet ezentata milli ttella’ l-prova ta’ l-identita’ tas-sentenza esebita bhala DM4 (a fol 37) u dik esebita bhala Dok DM5 (a fol 98) kif ukoll milli tingieb il-prova tal-identita’ ghas-sentenzi esebiti fil-konfront ta’ Jason Scerri.

Rat ukoll ix-xheida ta’ Dr Zammit Montebello dwar Jason Scerri u dik ta’ Joseph Gatt dwar Mark Calleja.

Illi minn dak kollu premess il-Qorti tinsab konvinta mill-htija ta’ l-akkuzati u dan fil-konfront tat-tnejn kemm huma wara li rat l-artikoli 261, 263, 271, (pero mhux aggravat bil-valur in kwantu l-ircevuta esebita) u l-artikolu 278 u 20 ilkoll tal-Kap 9.

Fil-konfront biss ta’ Jason Scerri hati wkoll tar-reat ta’ ricettazzjoni u dan wara li rat l-artikolu 334 pero’ dan ir-reat huwa assorbit fir-reat tas-serq, hati wkoll talli kkommetta reat iehor fi zmien operattiv ta’ sentenza sospiza Dok DM3, a fol 35 u dik esebita bhala dok JS a fol 124 , hati wkoll ta’ recidiva wara li rat l-artikolu 49, 50 u 31 tal-Kap 9 u dan wara li rat l-artikolu 28A, 28B.

Fil-konfront biss ta’ Mark Calleja hati wkoll tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 287 stante li hu ma tax rendikont soddisfacenti, dejjem sal-grad tal-probabbli ghal prezenza fuqu tat-turnavit, kif ukoll tal-artikoli 49, 50, u 31 tal-Kap 9.

Dwar il-piena fir-rigward taz-zewg imputati l-Qorti tqis li sal-llum it-tnejn gawdew minn diversi opportunitajiet biex jipprovaw jirriformaw ruhom, pero’ jidher li dan ma tantx sewa wisq, dan qed jinghad minhabba l-frekwenza li fiha saru r-reati li taghhom gia gew gudikati u dan in dizamina. Jidher ukoll mill-atti li dawn iz-zewg persuni huma afflitti mill-vizzju ta’ abbuz ta’ droga mill-liema vizzju jridu jkunu huma li johorgu minnu.

Ghaldaqstant qeghda fil-konfront ta’ Jason Scerri tikkundannah ghal sena u nofs prigunerija, testendi z-

zmien operattiv tas-sentenza sospiza ghal erba' snin mil-llum.

Fil-konfront ta' Mark Calleja qeghda tikkundannah ghal sena u nofs prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------